

## IL-QORTI ĠENERALI

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2013 — Sagar vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-269/00) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Tnaqqis tal-piżijiet soċjali favur il-kumpanniji stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li teħtieġ l-irkupru tal-għajjnuna mħallsa — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)*

(2013/C 86/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

*Rikorrenti:* Sagar Srl (Segrate, l-Italja) (rappreżentanti: A. Vianello, M. Merola u M. Pappalardo, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: V. Di Bucci, aġent, assistit minn de A. Dal Ferro, avukat)

*Parti intervenjenti għas-sostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: inizjalment U. Leanza, sussegwentement minn I. Braguglia, sussegwentement minn R. Adam u fl-aħħar minn I. Bruni, aġenti, assistiti minn G. Aiello u P. Ġentili, avvocati dello Stato)

### Suġġett

Talba ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE tal-25 ta' Novembru 1999, dwar il-miżuri ta' għajjnuna favur il-kumpanniji stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistitwixxu t-tnaqqis tar-responsabbiltajiet soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50).

### Dispożittiv

- (1) L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni Ewropea hija magħquda mal-mertu.
- (2) Ir-rikors huwa miċħud bħala li huwa manifestament infondat fid-dritt.
- (3) Sagar Srl għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk tal-Kummissjoni.
- (4) Ir-Repubblika Taljana għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 355, 09.12.2000.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2013 — Barbini et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-272/00) <sup>(1)</sup>

*(“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet soċjali favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li timponi l-irkupru tal-għajjnuna mħallsa — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)*

(2013/C 86/24)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

*Rikorrenti:* Alfredo Barbini Srl (Murano, l-Italja); Aureliano Toso Srl (Murano); AV Mazzega Srl (Murano); Barovier & Toso vetrerie artistiche riunite Srl (Murano); Carlo Moretti Srl (Murano); Effetre SpA (Resana, l-Italja); Ferro & Lazzarini Srl (Murano); Formia Srl (Murano); Gino Cenedese & Figlio (Murano); La Murrina (Murano); Mazzucato International Srl (Murano); Nason & Moretti Srl (Murano); Tzf Internazionale Srl (Murano); V. Nason & C. Srl (Murano); Venini SpA (Murano); Vetreria de Majo Srl (Murano); u Vetreria LAG Srl (Murano) (rappreżentanti: A. Vianello, M. Merola u A. Sodano, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: inizjalment U. Leanza, sussegwentement I. Braguglia, sussegwentement R. Adam u fl-aħħar nett I. Bruni, aġenti, assistiti minn G. Aiello u P. Ġentili, avvocati dello Stato)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar il-miżuri ta' għajjnuna favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50).

### Dispożittiv

- (1) L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni Ewropea hija magħquda mal-mertu.
- (2) Ir-rikors huwa miċħud bħala li huwa parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt.

(3) *Alfredo Barbini Srl, Aureliano Toso Srl, AV Mazzega Srl, Barovier & Toso vetrerie artistiche riunite Srl, Carlo Moretti Srl, Effetre SpA, Ferro & Lazzarini Srl, Formia Srl, Gino Cenedese & Figlio, La Murrina, Mazzucato International Srl, Nason & Moretti Srl, Tjz Internazionale Srl, V. Nason & C. Srl, Venini SpA, Vetreria de Majo Srl u Vetreria LAG Srl għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk tal-Kummissjoni.*

(4) *Ir-Repubblika Taljana għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 355, 09.12.2000.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2013 — Unindustria et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-273/00) (<sup>1</sup>)

*“Rikors għal annullament — Għajjuna mill-Istat — Tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajjuna inkompatibbli mas-sug komuni u li timponi l-irkupru tal-għajjuna mogħtija — Rikors manifestament infondat fid-dritt”*

(2013/C 86/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Unione degli industriali della provincia di Venezia (Unindustria) (Venezia, l-Italja); Comitato “Venezia vuole vivere” (Venezja); Siram SpA (Milano, l-Italja); Fiorital Srl (Venezia); Jesurum di M. e A. Levi Morenos Sas (Venezia); Grafiche Veneziane Srl (Venezia); Cantiere navale De Poli SpA (Pellestrina, l-Italja); Aive Srl (Marcon, l-Italja); Bortoli Ettore Srl (Venezia); Tessuti Artistici Fortuny SpA (Venezia); Lorenzo Rubelli SpA (Venezia); Tecnomare SpA (Venezia); u Arsenale Venezia SpA (Venezia) (rappreżentanti: A. Vianello, M. Merola u A. Sodano, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, aġent, assistit minn A. Dal Ferro, avukat)

*Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentati: inizjalment U. Leanza, sussegwentement I. Braguglia, u iktar sussegwentement, R. Adam u fl-aħħar nett I. Bruni, aġenti, assistiti minn G. Aiello u P. Ġentili, avvocati dello Stato)

#### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/394/KE, tal-25 ta' Novembru 1999, dwar il-miżuri ta' għajjuna favur impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Venezia u ta' Chioggia, previsti mil-Liġijiet Nru 30/1997 u Nru 206/1995 li jistabbilixxu tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet soċjali (ĠU 2000, L 150, p. 50).

#### Dispożittiv

(1) *L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni Ewropea hija magħquda mal-mertu.*

(2) *Ir-rikors huwa miċħud peress li huwa manifestament infondat fid-dritt.*

(3) *L-Unione degli industriali della provincia di Venezia (Unindustria), il-Comitato “Venezia vuole vivere”, Siram SpA, Fiorital Srl, Jesurum di M. e A. Levi Morenos Sas, Grafiche Veneziane Srl, Cantiere navale De Poli SpA, Aive Srl, Bortoli Ettore Srl, Tessuti Artistici Fortuny SpA, Lorenzo Rubelli SpA, Tecnomare SpA, u Arsenale Venezia SpA għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk tal-Kummissjoni.*

(4) *Ir-Repubblika Taljana għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 355, 09.12.2000.

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2013 — Travetanche Injection vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-368/11 R)

*“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Ċaħda tar-rikors prinċipali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”*

(2013/C 86/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Travetanche Injection SPRL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u R. Cana, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u E. Manhaeve, aġenti, assistiti minn K. Sawyer, avukat)

#### Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 366/2011, tal-14 ta' April 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 101, p. 12), sa fejn huwa kkonċernat l-Anness XVII (akrillamid).

#### Dispożittiv

*Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal miżuri provviżorji.*